



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-310/11

Grattan plc

vs

The Commissioners of Her Majesty's Revenue & Customs

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber))

“Tassazzjoni — VAT — It-Tieni Direttiva 67/228/ KEE — Artikolu 8(a) — Sitt Direttiva 77/388/KEE — Provvista ta’ oġġetti — Valur taxxabli — Kummissjoni mħallsa minn kumpannija ta’ bejgħ b’korrispondenza lill-aġent tagħha — Xiri ta’ klijenti terzi — Tnaqqis tal-prezz wara l-fatt taxxabli — Effett dirett”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-19 ta’ Diċembru 2012

1. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Direttivi 67/228 u 77/388 — Gradi ta’ armonizzazzjoni mhux komparabbli*

(Direttivi tal-Kunsill 67/228 u 77/388)

2. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Valur taxxabli — Provvista ta’ oġġetti — Kummissjoni mħallsa minn kumpannija ta’ bejgħ ta’ korrispondenza, għal provvisti diġà mwettqa — Possibbiltà, bis-saħħa tad-Direttiva 67/288, li jitnaqqas il-valur taxxabli a posteriori — Assenza*

(Direttiva tal-Kunsill 67/228, Artikolu 8(a))

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 33)

2. L-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva 67/228, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti lil persuna taxxabli d-dritt li tikkunsidra *a posteriori* l-valur taxxabli ta’ provvista ta’ oġġetti bħala mnaqqsa meta, wara li tkun seħħet din il-provvista ta’ oġġetti, aġent irċieva kreditu mingħand il-fornitur li huwa ddeċieda li jieħu jew fil-forma ta’ ħlas fi flus jew inkella fil-forma ta’ kreditu validu fuq ammonti dovuti lill-fornitur għal provvisti li diġà twettqu.

(ara l-punt 37 u d-dispożittiv)